MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## ONOR. IMHALLEF GALEA DEBONO JOSEPH

Seduta ta' 06 ta' Novembru, 2002

Appell Kriminali Numru. 177/2002

Il-Pulizija
(Spettur S. Micallef)
Vs
Robert Zaffarese

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-14 t'Ottubru, 2001, ghall-habta tas-6.30 a.m. fi Triq Manwel Dimech, Qormi, saq vettura Nru. DAV 494, u b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti nvolontarjament ikkagunajt hsarat f'Traffic Pole Sign u 'railings' ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Lulju, 2002, li biha wara li rat l-artikoli 15 (1) (a) (2) u 18 tal-Kap 65 u 328 tal-Kap 9, ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' LM100.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Lulju, 2002, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u

tirrevoka s-sentenza, billi tilliberah mill-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Rat illi l-aggravji tal-appellant ,fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti u cioe' :- illi l-ewwel Qorti kellha tasal ghall-konkluzzjoni differenti fuq il-provi prodotti w tillibera lill-appellant u dan minhabba li ma ingabet ebda prova ta' sewqan traskurat u minhabba li l-provi jindikaw li l-incident gara minhabba nuqqas ta' senjaletika xierqa li tindika l-prezenza tat-traffic island li fiha habat l-appellant u ghaliex l-appellant ma nghatax l-opportunita' li jipprezenta l-provi tieghu peress li ma intlaqatx talba ghal differiment sabiex ikunu jistghu jitressqu l-provi w minhabba li l-eccezzjoni tas-soprassessjoni ghax kien hemm kawza pendenti quddiem it-Tribunal tat-Talbiet Zghar ma gietx lanqas biss konsidrata mill-Ewwel Qorti .

Semghet ix-xiehda tal-Prosekuzzjoni w tad-difiza , inkluz l-appellant innifsu, fis-seduta tal-24 t' Ottubru, 2002;

Semghet it-trattazzjoni

Ikkonsidrat

Illi mill-provi mismugha mill-gdid quddiem din il-Qorti rrizulta li l-incident awtomobilistiku in ezami gara fl-14 t'Ottubru, 2001 ghall-habta tas-6 a.m. jew ftit qabel gewwa Triq Manwel Dimech, Qormi, meta l-appellant , li kien isuq car numru DAV 494, habat ma Traffic Pole sign u railings li kien hemm fuq centre strip waqt li kien qed isuq fid-direzzjoni tal-Hamrun .

Illi mix-xiehda ta' P.S. 318 Francis Rogers irrizulta li l-appellant kien habat mall-arblu tat-traffic lights u r-railings li kien hemm fuq centre strip li ma kienx ilha hemm hafna u li maghha kienu habtu diversi vetturi ohra . Din ma kienetx mixghula fis-sens li ma kienetx ghadha bdiet topera . Hemmhekk hemm dawl tat-triq bhala “street lighting” . L-art kienet xotta dak in-nhar .

Louis Zahra , chargeman mad-Dipartiment tax-Xogholijiet ikkonferma r-rapport tal-hsara minnu esebit li jinsab fil-

process u xehed li it-traffic lights kienu imwahhla f’posthom imma kien ghadhom ma gewx mixghulin.

L-appellant xehed li kien gej lura mis-sajd ghall-habta tal-5.30 a.m. u kien isuq fid-direzzjoni tal-Hamrun meta Van Transit li kellu quddiemu waqaflu f’daqqa u mar jiskapulah u r-rota qabditlu c-centre strip . Kien hemm “street lighting” imma c-“centre strip” kienet mghottija bil-Van Transit li kellu quddiemu xi tul ta‘ karozza ‘l quddiem minnu . Hu kien isuq b’ xi 45-46 kilometri fis-siegha . Ma jafx ghax il-Van waqaf ghax dan baqa’ sejjer. Hu ma kienx ghajjien . Hu kien ghaddej fin-nofs . Gibed lejn il-lemin u r-rota qabditlu c-centre strip . Il-Pulizija kienu waslu fuq il-post f’ xis-6 a.m. u kien ghadu d-dlam.

Illi dan hu kaz klassiku ta’ sewwieq li jahbat ma xi ostakolu inerti fit-triq jew mall-gemb tat-triq u fejn mill-assjem tac-”circumstantial evidence” jew “presumptions of fact” li jirrizultaw , il-gudikant ikun moralment konvint li jista’ jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti . (Ara. App. Krim. Pol. vs. James Abela ; 11.7.2002)

Illi ma hemmx dubju li mhux sewqan tajjeb li jwassal biex driver jahbat ma xi haga inerti li jkun hemm f’nofs it-triq jew mal-gemb tal-karreggjata u dan sakemm is-sewwieq ma jaghtix xi spjegazzjoni skuzanti plawsibbli almenu sal-grad tal-probabbilta’ li tista’ twassal biex ma tinstabx htija kontra tieghu.

Illi l-ispjegazzjoni li ta s-sewwieq appellant f’ dan il-kaz hi li kien isuq wara Van Transit u din waqfet f’daqqa quddiemu w mar biex jiskapulha billi gibed lejn il-lemin u r-rota qabditlu c-centre strip li kienet ilha hemm ftit zmien u mhux senjalata tajjeb u spicca habat mall-arblu tad-dawl u r-railings . Illi apparti li din il-versjoni ma hix dik li hu semma fir-rikors tal-appell tieghu fejn qal testwalment hekk : “QUDDIEMU KELLU VAN. L-APPELLANT, WARA LI IKKONSTATA LI MA KIENX GEJ TRAFFIKU MID-DIREZZJONI OPPOSTA GHAMEL MANUVRA BIEX JISSORPASSA L-VAN LI KIEN HEMM QUDDIEMU. MALLI GHAMEL HEKK U SAQ FTIT METRI , SAB TRAFFIC ISLAND MA WICCU.” , fil-fehma ta’ din il-Qorti

la din il-versjoni w lanqas dik li xehed quddiem din il-Qorti ma tezonerah mir-responsabilta' kriminali.

Jekk hi korretta l-versjoni kontenuta fir-rikors tieghu , wiehed kien jistenna li jekk hu ghazel li jissorpassa u hareg biex jara li ma kienx gej traffiku mid-direzzjoni opposta , bl-istess mod li ra li dan ma kienx il-kaz, imissu ukoll intebah bil-prezenza tac-"centre strip" li zgur li kienet tidher kemm bl-"street lighting" li kien hemm fil-lokalita' kif ukoll bid-dwal tieghu stess li - ladarba hu xehed li kien id-dlam - suppost li kienu mixghulin. "Min ma jarax dak li ragonevoment kellu jara, jfisser li ma kienx qed izomm " proper lookout" (App. Krim. Pul. vs. J.M.Laferla -17.6.61) u gie ukoll ritenut minn din il-Qorti li "hu dover ta' driver "to see what is in plain view" (App. Krim. Pul. vs. Joseph Vella -10.8.63). Il-"lookout" gie defenit hekk f' "Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd."(1968) :

"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead - it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A driver must have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."

Ghalhekk , jekk - kif allega fir-rikors tal-appell - bla ebda raguni impellennti, l-appellant f'xi hin ghazel li jeffettwa sorpass tal-van Transit , qabel ma ta bidu ghall-manuvra , imissu ra li seta' jaghmel dan u mhux biss jghasses ghat-traffiku gej mill-faccata imma billi jara jekk hemmx ukoll xi ostakolu fit-triq il barra mill-van , bhal ma indubbjament kienet ic-"centre strip" .Dana ukoll ghaliex l-"overtaking" irid isir f'cirkostanzi tali li d-driver li jkun ikollu raguni jahseb li jista' jaqla' 'l barra b' sikurezza ghalih u ghal "road users" ohra .

Jekk umbaghad titwemmen il-versjoni guramentata tal-appellant li hu kien isegwi van tul ta' xi car warajh u dan waqaflu f'daqqa w ,biex jevitah, gibed lejn il-lemin u r-rota qabditlu c-centre strip bil-konsegwenzi rizultanti , hawn ukoll l-appellant ma jistax jezonera ruhu mir-responsabbilta' . Illi l-appellant , ghalkemm mhux qed isemmiha espressament , donnu jidher li qed jirrikorri ghad-difiza tas-"sudden emergency" . Issa pero' kif gie

ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera. (13.12.68) : -

"Driver ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-"sudden emergency" meta l-emergenza jkun holoqha hu."

Issa hu risaput li meta wiehed ikun qed isegwi vettura ohra, irid izomm "a safe distance" lura minnha, biex, jekk din tieqaf hesrem , hu jkollu cans li jieqaf tempestivament . Di fatti il-paragrafu 56 ta' "THE HIGHWAY CODE" jirrakkomanda espressament hekk :-

"Do not drive too close to the vehicle in front of you . Allow a distance sufficient to enable you to pull up in an emergency ..."

Issa jekk "ex admissis" l-appellant kien qed isuq bi xi 45 kfs.,hu kellu jhalli distanza ferm itwal minn dik ta' karozza mill-vettura Van Transit li kien qed isegwi u , aktar ma din kienet qed tghattilu it-triq quddiemu , aktar imissu zamm lura minnha biex ikollu cans aktar li jirrejagixxi jekk din , anki ghal xi raguni valida , li hu ma jkunx qed jara , tieqaflu f'daqqa . Issa hu ovvju li bil-fatt li hu zamm daqshekk vicin il-van ta' quddiemu hu gie ppriva lilu nnifsu mill-opportunita' li jieqaf hu ukoll entro d-distanza li seta' jieqaf fiha li tikkomprendi mhux biss il-"braking distance" imma anki t-"Thinking distance", li bl-ispeed li kellu, ghalkemm mhux wiehed eccessiv, kienet ukoll wahedha itwal mill-ispazju bejnu u bejn il-van. Ghalhekk l-appellant gie pogga lilu innifsu taht dik li in subiecta materia tissejjah "a self inflicted incapacity" li jaghmel tajjeb ghan-nuqqas tas-sewqan hazin ta' haddiehor.

Illi l-argument tal-appellant li hu ma kienx jaf bl-ezistenza tac-centre strip f'dik il-lokalita' u li din ma kienetx mixghula ma jezonerahx mir-responsabilta' ta dak li gara. Ladarba din kienet fit-triq u suppost kienet vizibbli (ghalkemm mhux illuminata specifikatament b' xi spot light jew dawl partikolari ) bid-dawl ordinarju tal-street lighting kif ukoll bid-dwal tieghu stess , hu suppost li kellu jarha minn sew qabel ma avvicinha . Wara kollox it-triq hemm hi fid-dritt ghal tul konsiderevoli w jekk ma rahiex ghax thannek mall-van ta' quddiemu, dan kien tort tieghu u ta' hadd aktar.

Illi kemm jekk il-van waqaf hesrem bla bzonn u kif ukoll jekk l-awtoritajiet ma kienux xeghlu jew illuminaw ic-“centre strip” u dan ipotetikament seta’ b’ xi mod jirrendihom in parte responsabbli ghal dak li gara , xorta wahda l-appellant - fid-dawl ta’ dak li intqal fuq - jibqa’ responsabbli kriminalment. Dan ghaliex kif gie ritenut fl-Appell Kriminali : “Il-Pulizija vs. P. Vassallo (Vol. XXXVIII , iv p.883)

“Il-“contributory negligence” ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-KAWZA UNIKA (emfasi ta’ din il-Qorti) tas-sinistru.”

F’sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel sewwieq iehor , amenoche’ dak li jigri ma jkunx dovut UNIKAMENT u ESKLUZIVAMENT ghal htijiet da parti tas-sewwieq l-iehor . (Ara. App. Krim. Pul. vs. Gaetano Schembri (16.3.61) ; Pul. vs. John Polidano (3.11.63); Pul. vs, Rev. C. Mifsud.” (Vol. XXXVII , iv. p.1131) u ohrajn.) .

Illi din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li l-appellant kien hati ta’ sewqan b’maniera traskurata u li hu konsegwentement responsabbli ghall-hsarat kagjonati fil-proprjeta’ u ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta kif gie misjub hati fis-sentenza appellata.

Illi l-aggravju li l-appellant ma thalliex igib il-provi li ried , apparti li mhux sorrett mill-verbali tas-seduti quddiem l-ewwel Qorti , u li l-Ewwel Qorti ma ssopprassjedietx kif mitluba ghax hu kien intavola xi kawza quddiem it-Tribunal tat-Talbiet Zghar huwa manifestament infondat ghax hu risaput li l-azzjoni penali titmexxa separatament u indipendentement mill-azzjoni civli u ma hemm ebda obbligu fuq xi Qorti jew ohra li toqghod tistenna l-ezitu tal-kawza quddiem Qorti ohra sija civili kemm kriminali .

Illi ma hemm ebda aggravju dwar il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti “ut sic” u ladarba din hi entro il-paramentri tal-ligi , ma hux il-kaz li din il-Qorti tvarjha bla ebda raguni impellenti .

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata .

(ft) Joseph G. Galea Debono

6.11.02

Paul Miruzzi
Assistent Registratur